MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Rikors Numru. 59/2003/1

Jos. Debono (Jewellers) Ltd.

Vs

Frieda Gulliemier, Sister Mary Laferla, Hilda Agius, Victor E. Laferla, Stephen Muscat, Dr. Elizabeth sive Betta Said, Austin Demajo u Joan Demaria.

Il- Bord,

Ra ir- rikors tas- socjeta' Jos. Debono (Jewellers) Ltd. fejn tissottometti bir- rispett:

Illi hija tikri minghand l- intimati l- hanut 151, St. Lucia Street, Valletta, bil- kera ta' Lm 350 fis- sena pagabbli kull sitt xhur bil- quddiem l- ewwel skadenza 25 ta' Settembru, 2003.

Illi kif jidher mill- ittra ufficjali tas- 17 ta' Gunju, 2003 – Dok. A – annessa, l- intimati sidien qed jippretendu li l-

kera, mill- iskadenza li jmiss jigi rivedut fl- ammont ta' Lm25 kull jum, cioe' (Lm 9125) disa' telef mija u hamsa u ghoxrin lira maltija fis- sena.

Illi l- hanut ma jiswiex aktar mill- kera attwali, u ghalhekk il- pretensjoni ta' l- intimati hi manifestament infondata.

Ghaldaqstant is- socjeta' esponenti titlob bir- rispett li dan il- Bord joghgbu jikkonferma l- kera attwali billi jichad it- talba ghall- awment, bl- ispejjez kontra l- intimati.

Ra l- ittra ufficjali tas- 17 ta' Gunju 2003.

Ra d- digriet tieghu tal- 10 ta' Marzu 2004. Li bih gew mahtura periti teknici l- AIC Frederick Valentio u l- AIC John Sciberras.

Ra r- relazzjoni ta' l- imsemmija periti.

Ikkonsidra,

1. Wara li ezaminaw ir- rapport tal- periti s- sidien ipprezentaw rapport imfassal mill- AIC Renato Laferla. Dwar din ir- relazzjoni l- Bord ikollu jghid li l- kriterji msemmija m' humiex skond il- ligi. Jinghad li:

"m' huwiex possibbli li tapplika dik il- parti tal- ligi li tispecifika li ambjent kummercjali ghandu jigi stmat, bhala kera, b' dak li kien igieb fl- 1914, b' zieda ta' erbghin fil- mija u dan peress li tali _______ ma jistax isir ghax dak it- tip ta' hanut ma setghax jezisti fl- 1914.

2. Din l- assenzjoni, bir- rispett kollu hi legalment zbaljata. Sid il- kera jista' jgholli.

"jekk il- kera gdid ma jkunx izjed minn 40% mill- kera gust (stabbilit, meta mehtieg bi stima) li bih il- fond kien mikri jew seta jinkera f' kull zmien qabel l- 4 ta' Awissu ta' l- 1914. Il- Bord jistabilixxi dan il- kera gust."

3. Kienx jezisti jew ma kienx jezisti l- fond kollox hu marbut mal- jum tal- 14 ta' Awissu 1914 u c- cifra tal- 40%. Il- gurisprudenza tghallem li:

"il- fissazzjoni tal- kera xieraq huwa diskrizzjoni ghall- membri teknici tal- Bord li, bhal f' dan il-kaz (il- fond ma kienx inkera fl- 1914), m' humiex marbutin li jichdu bhala ligi li effetivament kien jithallas jew seta jithallas fis- sena 1914, izda pjuttost il- kera li f' cirkostanzi diversi, konsegwenza taz- zminijiet diversi, il- Bord ikun jidhirlu li l- fond fil- posizzjoni li hu llum seta' jgib kera fl- 1914" (ara 'Bartolo Parnis vs Formosa', App. 19/11/45; 'Sammut vs Grech' App. 23/10/91; 'Schembri vs Mifsud', App. mill- Bord, 26/10/2001)

L- avvjement/goodwill ma ghandux x' jaqsam xejn mal- fissazjoni tal- kera. Il- Bord ma ghandu l- ebda kompetenza fejn hemm kirja ta' fond flimkien ma' l- avvjament. (ara 'Zerafa vs Briffa', Appel. Kumm. 04/05/1988; 'Abela vs Abela et', 05/03/2003 App. Inf.)

4. Il- ligi fuq il- massima'pacte sunt servanza' tirrispetta f' kaz ta' fondi kummercjali ftehim milhuq mill- partijiet fejn il- kera ghada toghola wara certu periodu (ara'Stivala vs Mohnani' 29/10/1999, App. Civ.)

5. Billi mir- relazzjoni tal- periti jirrizulta li l- kera li llum hi ta' Lm 350 fis- sena diga taqbez l- 40% li bih l- istess fond kien mikri jew seta kien mikri qabel l- 14 ta' Awissu 1914 (art4(1)(b)) tal- Kap 69 (qabel art. 5 (b) tal- Kap. 109) l- Bord jilqa' it- talba tas- socjeta' rikorrenti bl- ispejjez kontra l- intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------